MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 1491/2000/1

**Avviz Nru 1491/00 - DM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Alexandra Grech sia bil-polza sia bil-ligi**

**Vs**

**Paul Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm391.61 (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-assikurata taghha, in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fil-25 ta' Awissu 1999 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa Luqa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ETM 001 minnhu misjuqa u l-vettura HAP 879 misjuqa minn u propjeta tal-

assikurata taghha liema incident sehh unikament b'tort, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tieghu, u ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta attrici.

Bl-ispejjez tal-prezenti ta' zewg ittri ufficjali tat-30 ta' Gunju 2000, wahda lill-konvenut u ohra lis-socjeta assikuratrici tal-konvenut, tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Zammit fejn eccepixxa illi:-

1 L-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort tas-sewwieqa Alexandra Grech li waqt li kienet qed isuq il-vettura numru HAP 879 naqset milli tosserva r-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in liena ta' danni;
3 Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenut jiddikjara illi l-kontestazzjoni ma tirrigwardax il-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat bejn vettura misjuqa minn Alexandra Grech u trukk, ossia 'ziemel', qieghed jigbed 'trailer' misjuq mill-konvenut.

Mid-deposizzjonijiet ta' diversi xhieda jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu provenjenti mill-istess direzzjoni u sejrin fl-istess direzzjoni u l-kollizzjoni grat meta l-vetturi, hdejn xulxin, avvicinaw 'roundabout' u 'traffic island' forma ta' maqrut, li rristringew l-ispazju ghall-vetturi biex jistghu jghaddu minn fejn xulxin u ghalhekk saret il-habta.

Fil-waqt illi Alexandra Grech  u l-passiggiera li kellha maghha jikkontendu illi, qabel ma zewg vetturi waslu hdejn 'ir-roundabout', dawn kienu qed jinsaqu ras imb'ras bit-trukk tal-konvenut imbaghad jissupera lill-vettura ta' Grech, il-konvenut issostni illi f'ebda mument ma kien ras imb'ras mal-vettura assikurata mall-atturi u jssostni illi waqt li huwa kellu jikser ftit lejn il-lemin tieghu minhabba t-'traffic island' fuq ix-xellug, Alexandra Grech ippruvat tissorpassah meta l-ispazju gie ristrett biex b'hekk saret il-habta.

Evidentement kieku jirrizulta illi f'xi mument ftit qabel ir-'roundabout' il-vetturi kienu ras imb'ras kien ikun mistenni definittivament mill-konvenut illi jkun jaf bil-prezenza tal-vettura ta' Grech u, stante l-kobor tat-trukk u trailer li kien qed isuq, kellu juza prudenza estrema fil-manuvra tieghu biex meta jisposta ruhu jaccerta illi ma jostakola lill l-ebda vettura ohra li kienet fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Izda ghalkemm il-konvenut jichad illi effettivament huwa kien ras imb'ras mal-vettura ta' Grech, huwa jammetti illi meta wasal hdejn it-'traffic island'  huwa kellu jisposta ruhu lejn il-lemin u infatti kien ippreokkupat illi b'din il-manuvra setgha jolqot it-'traffic island' fuq il-lemin tieghu bil-container li kien qieghed jigbed.

L-istess konvenut issostni  illi induna bil-vettura tal-attrici meta hares mill-mera biex jara d-distanza li kellu bejn il-container u t-'traffic island'.

Il-konvenut jipprova jiggustifika ruhu ghaliex ma harisx u ma hax il-prekawzjonijiet qabel  billi jallega li ma kienx hemm spazju bizzejjed biex ikun hemm vettura bejn il-container tieghu u it-'traffic island'.  Izda l-isketch u d-

deposizzjoni ta' Ps 947 Adrian Paul Vella jindikaw mod iehor.

Infatti meta saret il-habta, kien hemm spazju bizzejjed bejn it-trailer u t-'traffic island' ghall-vettura ta' Grech u anke kien hemm spazju izjed bejn il-vettura ta' Grech u t-'traffic island'.

Dan huwa kollu indikattiv illi meta l-konvenut sposta t-trukk bit-trailer tieghu lejn il-lemin huwa ma kienx ghamel 'proper look out' biex jara x' traffiku setgha kellu bejn il-lemin ta t-trailer u r-'roundabout' u li ghalhekk kien ser jigi ostakolat.

Il-Qorti terga tenfasizza illi minhabba d-daqs tat-trukk u t-trailer ta' tul komplessiv ta' oltra (hamsa u hamsin) 55 pied, l-obbligu fuq il-konvenut ta' sewqan prudenti u ta' attenzjoni huwa ta' grad akbar minn dak normal, tenut kont ukoll tal-vizwali ristretta fuq il-gnub ta' wara tieghu minhabba fit-tul ta' l-istess trailer.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall- kollizjoni in kwistjoni u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni minnhu kkawzati, il-'quantum' ta' liema ma giex ikkontestat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ghalhekk tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' LM391.61 (tlett mija u wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmi), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 t'Ottubru 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep Reg Civ 49